# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum il-Ħamis, tnejn u għoxrin (22) ta' Mejju, 2025**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru: 672/2025/1 MH**

**Catherine Ebejer**
**Vs**
**Salvino sive Saviour sive Vivi Caruana,**
**bin il-mejtin Vincent Caruana u Josephine nee' Mangion,**
**mwieled iż-Żurrieq u residenti ż-Żurrieq**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' Inibizzjoni.

Rat ir-risposta annessa.

Qieset il-preċetti tal-artikolu 831(2) tal-Kap 12 li jindika r-rekwiżiti neċessarji ad validatem għall-ħruġ ta dan il-mandat.

Tqis li kien biss bir-rikors ġuramentat anness mar-risposta oppożitorja li hija waslet għal-locus standi tar-rikorrenti li qed titlob din il-kawtela ta' natura straordinarja.

Mad-daqqa t'għajn għalhekk mir-rikors innifsu il-Qorti ma tistax tistabbilixxi dak il-jedd pretiż li suppost xpruna l-ġurament tar-rikorrenti biex iwassal għat-talba tagħha.

Il-Qorti hija konxja mil-fatt li hemm żvilupp li ma jżommx ma' formalita' żejda biex l-atti jiġu salvati. Pero' r-rikorrenti għalkemm tvanta jedd (dritt) fir-rikors ġuramentat, tonqos milli ssostni dan il-jedd fil-formalita' mitluba mil-Liġi fil-kawtela mitluba.

Konsegwentement tiċħad it-talba.

**Onor. Miriam Hayman**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**